MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 423/2002/1

**Anne Marie mart Salvatore Bonello**

**vs**

**John u Maria Fatima konjugi Vassallo u Salvatore Bonello**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu, wara li jigi dikjarat u deciz li:

1. L-iskritturi tas-16 ta’ Awissu tas-sena 1998, iffirmati bejn il-konvenuti hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti ‘A’ u ‘B’ rigwardanti l-kiri tar-raba’ Tal-Fulija fil-Girgenti, limiti tas-Siggiewi, u tar-razzett anness maghha, huma nulli u rexxissi stante illi l-attrici, mart il-konvenut ma tatx il-kunsens taghha a tenur tal-artikolu 1326 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Il-kirja tar-raba’ Tal-Fulija, fil-limiti tal-Girgenti, Siggiewi, ta’ cirka hdax –il tomna bir-razzett maghha saret bi skrittura tat-18 ta’ Gunju tas-sena 1997 hawn anness u mmarkat bhala Dok. C, bil-qbiela ta' sittin Lira Maltin, (LM60.00,0), fis-sena u bil-kunsens u l-approvazzjoni tal-kontendenti kollha;

3. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tat-13 ta’ Frar tas-sena 2002 u tal-ittra ufficcjali tal-31 ta’ Mejju tas-sena 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

4. Il-valur lokatizju tal-qbiela tar-raba’ in kwistjoni ma jeccedix is-sittin Lira Maltin, (LM60.00,0), fis-sena;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John u Maria Fatima konjugi Vassallo u Salvatore Bonello datata l-5 t’Awissu tas-sena 2002 fejn eccepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok din l-azzjoni ma tistghax tigi proposta meta bejn il-konjugi ma hemmx kawza ta’ separazzjoni tal-beni jew a mensa et thoro;

2. Illi l-iskritturi privati ndikati bhala dokumenti A u B huma validi fil-ligi l-ewwel ghax ma hemmx bzonn il-kunsens bil-miktub tal-attrici fuq kitbiet simili; it-tieni ghax l-istess attrici ghalkemm ma ffirmatx kienet presenti u kif inhuwa maghruf kuntratt ta’ lokazzjoni jista’ jsir anke bil-fomm u ghalhekk l-kunsens taghha hemm espress sija bi kliemha kif ukoll bil-fatt li halliet lil zewgha jiffirma kien bizzejjed;

3. Illi fit-tieni lok l-iskrittura datata 18 ta’ Gunju ta’ l-1987 hija ukoll nulla billi giet sorpassata permezz tan-novazzjoni li sehh fl-iskritturi msemmija precedentement u mhux biss izda din titkellem fuq dritt u uzu mhux ta lokazzjoni;

4. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota tal-konvenut Salvatore Bonello datata l-4 t’Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici ghar-ragunijiet hemm indikati;

Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konjugi Vassallo datata s-17 ta’ Gunju tas-sena 2003 li permezz taghha eccepew ukoll is-segwenti:

Illi minghajr pregudizzju ghan-nota ta’ l-eccezzjonijiet gia’ pprezentata, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici u li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 1326 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat sussegwentement ir-rikors tal-konvenuti Vassallo datat it-18 ta’ Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li bi zvista kienu rreferew ghall-artikolu 1326 (2) tal-Kap 12 mentri r-referenza kellha tkun ghall-artikolu 1326 (2) tal-Kap 16 u talbu korrezzjoni f’dan is-sens;

Rat id-digriet taghha datat id-19 ta’ Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu laqghet it-talba;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti Vassallo fuq indikati;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezsentanti legali ta’ l-attrici u r-replika tar-rapprezentant legali tal-konvenuti Vassallo;

Ikkunsidat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-oggett meritu tal-kawza odjerna komplessivament jikkonsisti f'razzett u f'ghalqa ta' madwar ghaxart (10) itmiem minghajr isem fil-kontrada maghrufa bhala Tal-Fulija fil-Girgenti, limiti tas-Siggiewi;

2. Illi l-oggett tal-kawza fuq indikat huwa proprjeta' tal-konvenuta Maria Fatima Vassallo li ghadda ghandha b'wirt;

3. Illi fil-perijodu meta dan l-oggett processwali fuq indikat gie trasmess lill-imsemmija konvenuta Vassallo dawn kienu imqabblin lil Nikola sive Kola Bonello missier il-konvenut Salvatore Bonello;

4. Illi madwar l-1991 l-istess oggett processwali gie mqabbel lil Grace u Philip Borg;

5. Illi finalment l-istess oggett processwali fuq indikat gie mqabbel lill-konvenut Salvatore Bonello li effettivament jirrizulta li hu iben 'il fuq ndikati Nikola sive Kola Bonello u hu l-imsemmija Grace Borg;

6. Illi meta l-imsemmi oggett gie hekk imqabbel lill-konvenut Bonello, il-partijiet involuti cioe l-istess Bonello, ohtu Grace Borg u l-propjetarja Maria Fatima Vassallo, ffirmaw skrittura privata datata t-18 ta' Gunju ta' l-1997, (ara fol 4), fejn qabblu fuq is-segwenti:

a. Illi l-konjugi Grace u Philip Borg cedew u ttrasferew kwalunkwe pretensjoni li huma kellhom fuq ir-raba' u r-razzett meritu ta' din il-procedura favur il-konvenut Bonello;

b. Illi l-imsemmija konjugi Borg ircevew is-somma ta’ tlett elef u hames mitt Lira Maltin, (LM3,500.00,0), in rikavat ghall-istess cessjoni;

c. Illi l-konjugi Borg iddikjaraw ukoll li m’ghandhom l-ebda pretensjonijiet ohra fir-rigward;

7. Illi mart il-konvenut Bonello, senjatament Anne Marie Bonello, l-attrici odjerna, tirrizulta firmatarja tad-dokument minnhom redatt, u l-konjugi Vassallo ffirmaw l-istess bhala xhieda;

8. Illi aktar tard wara xi zmien li kienet gia’ saret l-imsemmija skrittura, l-konvenut Vassallo kien asigura lill-konvenut l-iehor Bonello li issa l-ghalqa u r-razzett kienu tieghu u li allura seta’ jinvesti sew ghaliex il-frott kien ser ikun ghalih;

9. Illi konfortat b’tali assigurazzjoni l-konvenut Bonello mill-ewwel ha l-opportunita’ jittrasforma drastikament l-ghalqa zdingata li kienet giet hekk imqabbla lilu billi rranga l-hitan tas-sejjiegh; zied kwantita’ kbira ta’ hamrija; bena tlett (3) igwiebi kbar u rranga anke r-razzett antigwu;

10. Illi l-ispejjez li l-konvenut nefaq huma allegatament ta’ madwar il-hamsa u tletin elf Lira Maltin, (LM35,000.00,0) li ma jirrizultax li gie b’xi mod kontradett jew konputat;

11. Illi wara li saret din it-trasformazzjoni drastika fuq indikata l-konvenut Vassallo talab lill-konvenut Bonello biex imur mieghu ghand Nutar bil-ghan li jikkonsolidaw ir-relazzjoni ta’ bejniethom;

12. Illi meta attwalment il-partijiet ghamlu hekk kif indikat fil-paragrafu precedenti u n-nutar li marru ghandu ezamina d-dokument lilu pprezentat li kien jikkontjeni abbozz tal-ftehim bejniethom kif miktub mill-konvenut Vassallo, u kien l-istess nutar li kien ta parir lill-

konvenut Bonello biex jiehu parir qabel ma jikkommetti ruhu u b'hekk il-ftehim kien abortit;

13. Illi rigward il-ftehim bejn il-partijiet datati t-tnejn is-16 t'Awissu ta' l-1998, (ara fol 2 u 3), ghandu jinghad li dawn kienu ffirmati mill-konvenuti biss;

14. Illi l-attrici qed issostni li gialadarba hi ma kienitx firmatarja ta' l-istess ftehim ma zewgha allura dan hu wiehed null u minghajr effett skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rigward l-artikolu 1326 tal-Kap 16 jiddetermina fejn hu rikjest il-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga biex jiskatta il-vinkolu legali naxxenti minn tali att;

Illi in effetti dawk l-atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga, izda minflok jitwettqu minn pari wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati;

Illi tali talba ghall-annullament trid issir mill-parti li ma tkunx espremiet il-kunsens taghha f'kaz ta' trasferiment jew holqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta' immobbli u dan, kemm –il darba l-azzjoni ghall-annullament issir fi zmien perentorju ta' tlett (3) snin;

Illi dan il-perjodu perentorju hekk stabbilit jibda jiddekorri:

a. mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att; jew

b. mid-data tar-registrazzjoni, jekk ikun il-kaz; jew

c. mid-data li tintemm il-komunijoni ta' l-akkwisti;

- skond liema minnhom ikun l-ewwel;

Ikkunsidrat:

Illi Illi fil-kaz in dizamina huwa l-ewwel perjodu biss li ghandu jigi analizzat stante li t-tnejn l-ohra huma irrelevanti;

Illi ghalkemm il-konvenuti konjugi Vassallo jaffermaw li l-attrici Bonello kienet prezenti meta giet redatta l-iskrittura mpunjata, pero dan hu konputat b'rigorozita' mill-istess attrici u minn zewgha l-konvenut Bonello u del resto, mhux ipprovat lanqas fil-grad ta' probabilita' mill-konvenuti Vassallo;

Illi addirittura, tenut kont anke tal-komportament globali ta' l-attrici fil-procedura kollha, din il-qorti hi propensa taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni taghha li ma kienet taf xejn fil-mument li zewgha kien qed jikkonkludi l-arrangamenti tieghu mal-konvenuti Vassallo, anke jekk f'xi kazijiet minnhom l-attrici setghet effettivament kienet prezenti;

Illi ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri, li ghall-grazzja ta' l-argument missha kienet preliminari, rigwardanti l-preskrizzjoni, stante li ma tirrizultax pruvata;

Illi konsegwentement in vista tal-premess filwaqt li qed tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohara kollha tal-konvenuti tiddikjara li l-iskritturi datati s-16 t'Awissu ta' l-1998 huma nulli u minghajr effett u li l-uniku ftehim vinkolanti bejn il-partijiet huwa dak datat it-18 ta' Gunju ta' l-1997, (ara fol 4), bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Il-konvenuti konjugi Vassallo appellaw kontra din is-sentenza b' diversi aggravji li jikkontestaw lill-ewwel Qorti n-nuqqas li din tinvesti l-eccezzjonijiet taghhom, l-apprezzament tal-provi, u l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ligi ghal fattispeci;

Jibda biex jigi registrat bi twegiba ghall-ewwel aggravju illi, ankorke s-sentenza appellata ma jidherx li ttrattat

singolarment l-eccezzjonijiet sollevati, dawn jidhru li gew ikkonsidrati b' mod generali fil-motivazzjoni ta' l-istess sentenza. B' danakollu, ghandu jinghad ukoll illi certament mill-punto di vista guridiku l-kaz kien jisthoqqlu aktar approfondiment minn dak rizervat lilu mill-ewwel Qorti. Fil-fatt din il-Qorti thoss li ghandha tghaddi, qabel kull indagini dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, biex tikkunsidra l-aspett guridiku involut riferibilment ghall-invokazzjoni da parte ta' l-attrici appellata ta' l-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili;

Ghall-ahjar kunsiderazzjoni tal-precitat artikolu wiehed irid, b' necessita logika-guridika, jitlaq mill-premessa li jorbot dan id-dispost ma' l-Artikolu 1322 ta' l-istess Kodici. Dan ghar-raguni li hu proprju dan l-ahhar artikolu li jistabilixxi r-regola dwar il-poter ta' amministrazzjoni ta' certi akkwisti u trasferimenti minn koppja mizzewga f' regim ta' komunjoni. Invece, l-Artikolu 1326 jahseb ghall-konsegwenzi ta' dawk l-atti li jkunu saru bi vjolazzjoni ta' dawk ir-regoli;

Ghall-ahjar esposizzjoni tal-kwestjoni sostanzjali ghandu jinghad li l-komunjoni tal-beni bejn il-mizzewga hi wahda "*sui generis*", kontraddistinta mill-komunjoni ordinarja stabbilita fl-Artikolu 489 *et sequitur* tal-Kodici Civili. Il-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (28 ta' Ottubru 2004, Nru. 20867** riprodotta fil-"**Giurisprudenza Civile 2005**", Editore Giuffre) tfisser din id-distinzjoni kif gej:-

"*La comunione ordinaria è una comunione per quote, quella legale tra i coniugi è una comunione senza quote; in quella ordinaria le quote sono oggetto di un diritto individuale dei singoli partecipanti e delimitano il potere di disposizione di ciascuno sulla cosa comune, in quella legale i coniugi non sono individualmente titolari di un diritto di quote, bensi solidalmente titolari, in quanto tali, di un diritto avente per oggetto i beni della comunione; nella comunione legale la quota non è un elemento strutturale di essa ma ha sola la funzione di stabilire la misura entro cui i beni della comunione*

*possono essere aggrediti dai creditori particolari, la misura della responsabilita` sussidiaria di ciascuno dei coniugi con i propri beni personali verso i creditori della comunione, e la proporzione in cui sciolta la comunione, l' attivo ed il passivo sono ripartiti tra i coniugi o i loro eredi. Ne consegue che nei rapporti con i terzi ciascun coniuge ha il potere di disporre dei beni della comunione. Il consenso dell' altro, richiesto dal modulo dell' amministrazione congiunta adottato dall' art. 180, comma 2, codice civile, per gli atti di straordinaria amministrazione, non è un negozio unilaterale autorizzativo nel senso di atto attributivo di un potere, ma piuttosto nel senso di atto che rimuove un limite all' esercizio di un potere. Esso è pertanto un requisito di regolarita` del procedimento di formazione dell' atto di disposizione, la cui mancanza, ove si tratta di beni immobili o mobile registrato, si traduce in un vizio del negozio espressamente prevvisto come causa di annullamento della norma ex art. 184, codice civile …*";

Dan premess, ma hemmx dubju illi r-*ratio* ta' l-Artikolu 1322, Kapitolu 16, hu dak li jittutela lill-konjugi li ma jkunx deher fuq l-att kontra r-riskju ta' l-abbuz ghad-dannu tal-komunjoni u taghha personali. Fil-kaz tal-ligi taghna l-artikolu msemmi jirreferi b' mod espress, kemm ghall-atti ta' trasferiment tal-hwejjeg tal-komunjoni kif ukoll ghall-akkwisti. Dan johrog car, ad ezempju, mill-konfront bejn is-subparagrafu (d) u s-subparagrafu (g) tas-subinciz (3) ta' l-imsemmi provvediment tal-ligi. Hemm pero` bejn dawn iz-zewg ipotesijiet distinzjoni netta u fondamentali li tohrog mill-proviso tas-subparagrafu (g), l-aktar ghal dak li jikkoncerna l-meritu prezenti u, cjoe, il-kaz ta' akkwist ta' tgawdija ta' proprjeta` immobbli b' titolu ta' lokazzjoni;

Iz-zewg atti, kemm dak ta' trasferiment, kemm dak ta' akkwist, ta' jedd ta' tgawdija ta' proprjeta` huma meqjusa bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja. Issa meta wiehed mill-konjugi jikkoncedi in veste ta' <u>lokatur</u> beni tal-komunjoni l-legittimazzjoni ta' att bhal dan jikkompeti anke lil konjugi l-iehor (subparagrafu d), mentri fil-kaz ta'

kuntratt ta' lokazzjoni minn wiehed mill-konjugi f' regim ta' komunjoni ta' l-akkwisti, fil-veste ta' nkwilin, il-ligi ma taghmelx tassattiva l-partecipazzjoni tal-konjugi l-iehor fil-vicendi sostanzjali u processwali derivanti minn kuntratt bhal dan. Effettivament, bhala regola, u mill-ottika tal-kerrej, il-ligi stess ma tikkwalifikax kuntratt ta' lokazzjoni bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja "meta l-prezz tieghu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun ghal zmien qasir". *A contrariu sensu*, kuntratt bhal dan hu meqjus bhala att straordinarju meta l-fatti u c-cirkostanzi jiddemostraw illi l-kuntratt partikolari ma jkunx tax-xorta kif fil-proviso ghas-subparagrafu (g) jinsab provvdut. Naturalment, kuntratt ta' akkwist ta' jedd ta' tgawdija, ukoll jekk ma jkunx skond il-precetti precizi tal-proviso, ma huwiex per se ineffikaci izda hu soggett ghall-annullament mill-konjugi li ma kkonsentiex jew ma rratifikax l-att li jkun sar;

Dan kollu fuq espost iwassal ghall-konsiderazzjoni tal-provi attendibbli. L-ezami taghhom jimporta li jittiehed rigward ta' dawn iz-zewg aspetti, u cjoe:-

(i) jekk iz-zewg kuntratti ta' inkwilinat tar-razzett u tar-raba datati 16 ta' Awissu 1998 (fol. 2 u fol. 3) sottoskritti minn zewg l-attrici kienux jikkwalifikaw ghall-modalita` u harsien li jsemmi l-proviso tas-subparagrafu (g) tal-Artikolu 1322 (3), appena trattat;

(ii) f' kaz li dawn ma kienux jilhqu l-aspettattiva tal-ligi fl-imsemmi proviso, u allura l-kuntratti kellhom jitqiesu bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja, jekk l-attrici kienet akkonsentietx ghalihom, anke tacitament. Dan konformement ghal dak stabbilit fl-Artikolu 1229 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "t-twettieq jew ir-ratifika jistghu jsiru anke tacitament bl-ezekuzzjoni volontarja ta' l-obbligazzjoni li kontra taghha l-ligi taghti azzjoni ta' rexxissjoni, jew b' xi att iehor li juri l-intenzjoni li jinghata effett ghall-obbligazzjoni";

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, fuq ir-ri-ezami attent tal-provi istruttorji, ir-risposta ghaz-zewg kweziti surreferiti,

iwassluha biex ma tikkondividix l-argomenti ta' l-appellanti. Dan in bazi ghal dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Qabel xejn, il-kuntratti tal-kera, impunjati mill-attrici, ghandhom jigu konsiderati u interpretati fil-kumpless taghhom u *tout ensemble*. Biex wiehed jevalwa jekk il-kera stabbilit kienx verament "moderat" wiehed kellu jqis mhux biss iz-zmien ta' ghaxar snin fejn il-qbiela prefissa kienet dik komplessiva ta' sittin lira (Lm60) fis-sena, imma wkoll jiehu in konsiderazzjoni l-qabza astronomika ta' l-affitt globali ammontanti ghal elf lira (Lm1000) fis-sena wara l-imsemmi perijodu. Ragonevolment, ghalhekk, ma jistax jinghad li kirja bhal din, anke fl-assenza ta' prova dwar paraguni ma' kirjiet agrikoli konsimili u l-kundizzjoni tal-familja ta' l-inkwilin, ma kienetx wahda ta' certa rilevanza ekonomika li jaghmel dik l-istess kirja att ta' amministrazzjoni straordinarja;

(2) Fuq it-tieni punt qed jigi sottolinejat, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi din il-Qorti mhix ser tokkupa ruhha mid-diversi accenni li saru mill-appellata, kemm fir-risposta ta' l-appell taghha, kif ukoll fin-Nota ta' Osservazzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti, dwar abbuzi u vizzju tal-kunsens tal-konvenut Salvatore Bonello, firmatarju ta' l-iskritturi. Dawn, f' din il-materja taht skrutinju, ma jikkoncernawx lil din il-Qorti, anke ghaliex, kif gja rilevat, il-kwestjoni hi cirkoskritta ghall-ezami tal-kunsens, o meno, ta' l-appellata u mhux ukoll dak tal-konvenut zewgha. Intant, dan precizat, din il-Qorti tifhem, bhall-ewwel Qorti qabilha, li ghandha taghti affidament u kredibilita` aktar lill-versjoni ta' l-attrici appellata. F' dan il-Qorti ma tistriehx biss fuq l-awtorita` taghha izda ssib elementi ta' sostenn kemm mix-xhieda provvduta kif ukoll mic-cirkostanzi generali tal-kaz. In dimostrazzjoni ta' dan qed isiru dawn il-ftit accenni rakkolti mill-provi. Hekk il-Qorti ssibha difficli biex tiskarta l-versjoni ta' l-attrici li tafferma li hi kienet aljena mill-kuntratti li dahal fihom zewgha meta, skond il-konvenuta Maria Fatima Vassallo, din kienet iltaqghet darba wahda biss ma' l-attrici. Okkazjoni din fejn presumibilment giet maqbula u sottoskritta c-cessjoni tal-qbiela mill-konjugi Borg lill-attrici u zewgha flimkien fit-18 ta' Gunju 1997 (ara dokument a

fol. 4). Hekk ukoll il-Qorti ssibha difficli biex temmen lill-konvenuta precitata illi f' dik l-okkazjoni hi u zewgha kienu semplici testimoni ta' l-identita u tal-ftehim tac-cessjoni (ara l-Affidavit taghha, fol. 69, u x-xhieda ta' John Vassallo, fol. 50 *et sequitur*), jew li l-konvenut Salvatore Bonello dahal immedjatament fir-raba bit-tolleranza taghhom. Huwa wkoll difficli hafna ghal din il-Qorti biex taccetta l-iskuzanti illi z-zewg skritturi ta' lokazzjoni ma gewx iffirmati mill-attrici ghaliex il-konvenuti Vassallo, fi kliemhom stess, kienu zvijati, sar il-hin u l-attrici u zewgha kienu mghagglin u riedu jitilqu. Anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument verament dakinhar (6 ta' Awissu 1998) kien hekk il-kaz, certament il-konvenuti Vassallo kellhom zmien ampju li aktar tard jitolbu lill-attrici tissottoskrivi l-kunsens taghha fuq iz-zewg skritturi. Dan ma ghamluhx u kkuntentaw ruhhom bl-argoment li gjaldarba, skond huma, l-attrici kienet prezenti dakinhar ta' l-iffirmar fid-dar taghhom, dan kien jibbasta biex juri li l-attrici kienet konsenzjenti. Fatt dan assolutament negat mill-attrici, anke ghar-raguni illi, skond il-konvenut Salvatore Bonello, il-lok ta' l-iffirmar kien fil-vicinanzi tal-ghalqa u r-razzett lokat, u mhux fid-dar tal-konjugi Vassallo;

(3) Fermi dawn l-osservazzjonijiet li jincidu fuq il-fattur tal-kredibilita; ghal din il-Qorti ma jirrizultax illi effettivament l-attrici appellata kellha l-hsieb li taghti effett ghall-obbligazzjonijiet assunti minn zewgha. Gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Fenech -vs- Mary Debattista et**", 6 ta' Ottubru 2000 illi "meta l-ligi (Artikolu 1229) titkellem dwar 'xi att iehor li juri l-intenzjoni' li jinghata effett ghall-obbligazzjoni ma kienetx biss qed tifhem illi min ikollu dritt ghall-azzjoni ta' rexissjoni jsir jaf bl-obbligazzjoni li kienet tinteressa lilu u li seta' jagixxi ghar-rexissjoni taghha imma jibqa' passiv u ma jiehux tali azzjoni. Kienet qed tifhem li dik il-persuna f' xi agir taghha, attiv jew passiv, kjarament turi l-intenzjoni li tassumi dik l-obbligazzjoni u taccetta li tissodisfaha". Anke hawn, bhal f' dak il-kaz, jista' jinghad li mgieba bhal din fl-attrici ma gietx sodisfacentement ippruvata;

(4) In-nuqqas ta' kunsens jew konvalidazzjoni ta' l-iskritturi mill-attrici ggib, b' konsegwenza, illi l-kuntratti ta'

lokazzjonijiet li saru fis-6 ta' Awissu 1998 huma nieqsa minn rekwizit essenzjali ghar-regolarita` taghhom u dan, kif enuncjat fis-sentenza tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni fuq riferenzjata, jitraduci ruhu f' vizzju tan-negozju, kif dikjaratament prevvist mill-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili;

Fid-dawl tal-fatti u cirkostanzi premessi mehuda naturalment flimkien mat-termini ta' l-iskritturi u tal-principji legali li jghoddu, mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-ezami ta' l-aspett tan-novazzjoni akkampat mill-appellanti. F' kull kaz, anke kieku stess l-iskritturi kellhom jitqiesu regolari, ir-rekwiziti tan-novazzjoni, ossija (i) l-obbligazzjoni precedenti, (ii) l-obbligazzjoni successiva, li tkun tiddeferixxi mill-ewwel wahda, (iii) il-kapacita tal-partijiet interessati, u (iv) l-*animus novandi* jew il-volonta` tal-partijiet li jestingwu l-obbligazzjoni antika (ara Artikolu 1179 *et sequitur* tal-Kodici Civili), f' dan il-kaz certament ma jiccentrawx u huma, anzi, mankanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------